# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

# ONOR. MHALLEF
# JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar il-Hamis 13 ta' Lulju 2017**

**Kawza Numru: 31**

**Rikors Numru: 46/2016 JPG**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177)**

**VS**

**U b'digriet tas-16 ta' Mejju 2016 gew nominati Dr. Yanika Bugeja u PL Jeremy Buttigieg bhala Kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti konjugi Joseph Pavia (K.I. Nru. 281687M) u Yulia Veselova Pavia (K.I. Nru. 29762A)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors datat 19 ta' Jannar 2016, tas-socjeta' HSBC Bank Malta p.l.c. ai termini ta' l-Artikolu 258(c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, (vide fol 1 et seq), li jaqra hekk;

*Illi permezz ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri datat 30 ta' Gunju 2010 (Dok HSBC1 hawn anness) l-intimati konjugi Pavia gew ikkonfermati debituri tal-Bank rikorrent;*

*Illi permezz ta' ittra ufficjali tat-28 ta' Jannar 2011 mahruga a tenur tal-artiklu 256 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta l-kreditu naxxenti mill-kuntratt premess gie rez ezegwibbli fil-konfront tal-intimati konjugi Pavia (kopja hawn annessa u mmarkata HSBC2);*

*Illi ghalkemm saru diversi pagamenti l-intimati baqghu debituri tas-socjeta' rikorrenti;*

*Illi ghaddew izjed minn tlett snin mid-data ta' l-istess ittra ufficjali u s-socjeta' rikorrenti qeghda permezz tal-prezenti titlob l-awtorizzazzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti ai termini ta' l-artikolu 258(c) tal-Kap 12 tal-Ligijet ta' Malta sabiex tesegwixxi dan l-istess titolu fil-konfront tas-socjeta intimata ghall-bilanc li ghadu dovut;*

*Ghaldaqstant is-socjeta' rikorrenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti tawtorizza lis-socjeta' rikorrenti tghaddi ghall-esekuzzjoni tal-istess titolu esekuttiv fuq imsemmi stante li ghaddew izjed minn tlett snin mid-data ta' l-istess ittra ufficjali u li id-dejn ghadu mhuwiex saldat kollu u dan ai termini tal-Artikolu 258(c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li r-rikorrent ghandu : "jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn ... li jkun qieghed ifittex l-esekuzzjoni taghha u li d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut".*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi, permezz ta' pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern (a fol 10 u 35) u permezz ta' pubblikazzjoni fil-gazzetta lokali (a fol 33 u 34);

Rat ir-Risposta datata 6 ta' Ottubru 2016 ta' Kuraturi Deputati Dr. Yanika Bugeja u PL. Jeremy Buttigieg, (vide fol 42 et seq), li taqra hekk;

*Illi l-esponenti ghadhom mhumiex edotti mill-fatti.*

*Illi l-esponenti jirriservaw li jipprezentaw eccezzjonijiet ulterjuri jekk kemm-il darba l-esponenti jirnexxielhom jaghmlu kuntratt ma' l-assenti.*

*Illi l-esponenti qieghdin jitolbu minn issa l-indirizz jew dettalji ohra li jista' jkollhom li permezz taghhom l-esponenti jkunu jistghu jikkuntattjaw lill-assenti minnhom rapprezentati.*

*Illi l-esponenti, f'dan l-istadju, m'ghandhom ebda nota jew dokument relattiv ghall-kaz x'jipprezentaw.*

*Bl-ispejjez.*

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

Illi mill-atti prodotti mill-bank rikorrent u minn rikors guramentat tal-istess bank gie sodisfacentement stabbilit u pprovat li l-ammont mitlub mill-bank fir-rikors promotur ghadu dovut u ma nbidel xejn mid-data tal-presentata tar-rikors sallum.

Jidher illi l-kaz in ezami jitratta ezekuzzjoni ta' kuntratt **ta' kostituzzjoni ta' debitu** vide Dok.HSBC1 a fol. 3 sa 9. Dan il-kuntratt gie rez ezekuttiv permezz t'ittra ufficjali datata 7 ta' Jannar 2011 – Dok HSBC 2 a fol 2.

Illi di piu, l-provi migjuba mill-bank attur m'humiex kontradetti mill-Kuraturi Deputati li qed jirraprezentaw lill-assenti intimati, u ghaldaqstant it-talba dedotta fir-rikors hija skond il-ligi.

Ghal dawn il-mottivi, u ai termini tal-Artikolu 258(c) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti, tilqa' t-talba attrici kif dedotta, bl-ispejjez kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**